## Kampjonat 1954-55

# Floriana u Sliema Wanderers jillidjaw wara r-raba' ġurnata

### It-Tielet Ġurnata

**30-10-1954:**
**Floriana FC – St.George's FC 3-2**
**H.T. 1-2**
**Skurjaw: O. Bartolo (St. Geo) 24', L. Borg (F) 33', S. Scicluna (St. Geo) 37', T. Cauchi (F) pen. 51' u L. Vella (F) 79'**
**Referi: Fredrick G. Hawker.**
**Linesmen: Carmel L. Bugeja u B.S.M Joseph Galea.**

*Floriana FC*: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Leli Zammit, Karmenu Xerri, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Tony Vella, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Dr. Benny Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*St.George's FC*: George Borg, Johnnie Wilson, Willie Xerri, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Twanny Mallia, Salvu 'L-Iscotch' Scicluna, Joe Mizzi.

**31-10-1954:**
**Sliema Wdrs. FC – Hibernians FC 3-1 H.T 2-0**
**Skurjaw: J. Xuereb (S) 39' u 45', J. Ciantar (H) 62' u S. Nicholl (S) pen. 88'.**
**Referi: Sgt. John 'Iż-Żiemel' Azzopardi.**
**Linesmen: J.B. Brown u Leli Spiteri.**

*Sliema Wdrs.* FC: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Salvinu Schembri, Guy Coulet, Maurice Walsh, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Hibernians FC*: Salvu 'Il-Pompa' Cassar, Colin Tabone, Joe Grixti, Johnnie Azzopardi, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sunny Anastasi, Henry Vella, John Coreschi, Leli Spiteri, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Sliema kienu għadhom qed ifittxu sostitut denju fil-pożizzjoni ta' difensur ċentrali wara t-tluq ta' Ray Edwards meta issa kien Salvu Bonnici li daħal biex jimla' din il-pożizzjoni.

2. Iż-żewġ naħat kellhom xi plejers regolari nieqsa meta l-Wanderers kienu mingħajr Tony Nicholl u Ġużi Cuschieri filwaqt li Freddie Church u Victor Formosa kienu neqsin għal Hibernians.

3. Fis-60 minuta Mattocks ta' Sliema Wdrs. FC tkeċċa wara li xejjer bis-sieq lil Joe Ciantar f'ritaljazzjoni għal foul li rċieva. Fl-4 ta' Novembru, 1954, il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA kien issospenda lil Mattocks għal perjodu ta' sena sa Ottubru 1955. Joe Ciantar, min-naħa tiegħu, kien weħel sospensjoni ta' partita waħda.

4. Biex tkompli tiġiħom ħażina, ftit wara li sofrew il-gowl ta' Ciantar, Sliema Wanderers għamlu xi ħin jilagħbu b'disa' plejers meta weġġa' l-gowlkiper Cosby u wara li għamel ħames minuti jiddewwa fil-grawnd ħareġ jiddewwa mat-touchline fejn daħal lura tliet minuti wara. F'dak il-ħin postu bejn il-lasti ħadu l-plejer Ninu Calleja.

5. Leli Attard ta' Hibernians tkeċċa fit-88 minuta għall-protesti ħorox fil-konfront tar-referi John Azzopardi wara li dan ordna penalty favur Sliema Wdrs. Anke Attard weħel sospensjoni twila meta l-Bord tad-Dixxiplina ssospendih għal sentejn (sa tmiem l-istaġun 1955-56) talli fil-protesti xejjer bis-sieq lir-referi. Aktar tard is-sospensjoni tnaqqsitlu għal sena.

6 Min-naħa tiegħu, ir-referi Azzopardi kien tressaq quddiem il-Bord tar-Referis sabiex jagħti spjegazzjoni għall-kontroll tiegħu f'din il-partita. Fit-tieni taqsima kien hemm diversi fouls koroh li tħallew għaddejjin filwaqt li żewġ penalties għal handsball intenzjonali wkoll ma ġewx innotati. Azzopardi ma reġax ikkontrolla partita oħra.



*Josie Urpani li ddebutta ma' Valletta fir-rebħa ta' 2-0 fuq Birkirkara*

**13-11-1954:**
**Birkirkara FC – Ħamrun Sp. FC 2-2**
**H.T 0-2**
**Skurjaw: G. Psaila (Ħ) 41' u 43'u F. Preca (B) 65' u 70'.**
**Referi: Carmel L. Bugeja**
**Linesmen: E.V. Norton-Jones u Walter 'Watty' Gatt.**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Joe Agius, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Fredu Preca, Bob Bonavia, Victor Farrugia, Leli 'Il-Likku' Saliba, Albert Schranz, Joe 'Il-Gross' Pisani, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

*Ħamrun Sp.* FC: Ġużi 'Il-Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Franġisku Formosa, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Victor Grima, Romeo Psaila.

**14-11-1954:**
**Rabat FC – Valletta FC 0-0 Referi: Salvu Pirotta**
**Linesmen: Ernest Spray u V. S. Chambers.**

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Charlie 'Il-Kis' Zahra, Alfie Pearson, George Dalli, Joe Cilia, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Paddy Sloan, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Charlie Theuma, Leli Sammut.

*Valletta FC:* Mike 'Moro' Cutajar, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Ċensu Muscat, Leli Borg Bonaci, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Leli 'Il-Pesa' Pace, Żeppi Micallef, Pawlu 'Il-Puxu' Zammit, Philip Baldacchino, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

1. Philip Baldacchino, 20 sena, kien fid-debutt tiegħu ma' Valletta wara li ġie akkwistat mingħand Żebbuġ Rangers. Il-Beltin kienu ħallsu £80 għas-servizzi tiegħu filwaqt li taw ukoll lill-gowlkiper Sapiano lill-klabb Żebbuġi.

Klassifika: Floriana FC u Sliema Wdrs. FC 6 pti.; Ħamrun Sp. FC u Valletta FC 3 pti.; Birkirkara FC u Hibernians FC 2 pti.; Rabat FC u St.George's FC 1 pt.

L-Aqwa Skorers: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 6 gowls; G. Psaila (Ħamrun Sp. FC) 5 gowls; T. Cauchi (Floriana FC) 4 gowls.

## Ir-Raba' Ġurnata

**20-11-1954:**
**Sliema Wdrs. FC – St.George's FC 4-0 H.T 1-0**
**Skurjaw: J. Xuereb (Sl) 3' u 70', G. Coulet (Sl) 78' u S. Schembri (Sl) 85'**
**Referi: B.S.M Joseph Galea (R.M.A)**
**Linesmen: C. D. Lusted and Ernest Spray**

*Sliema Wdrs.* FC: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Tony Nicholl, Karm Borg, Guy Coulet, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Caesar Xerri.

*St.George's FC:* George Borg, Johnnie Wilson, Willie Xerri, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Bugeja, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Twanny Mallia, Salvu 'Scotch' Scicluna, Joe Mizzi.

1. St.George's lagħbu t-tieni taqsima b'disa' plejers meta l-ewwel kien Nenu Mizzi li weġġa' wara 18-il minuta u wara li ħareġ jiddewwa u reġa' daħal fil-41 minuta ma ħariġx għat-tieni taqsima. Filwaqt li tliet minuti qabel il-mistrieħ kien Salvu Scicluna l-"Iscotch" li ħabat rasu mal-art wara *charge* ta' Lorry Cuschieri u kellu joħroġ mill-grawnd fejn ittieħed l-isptar u sarulu tliet punti.

2. Sliema Wanderers ma setgħux jagħmlu użu mill-plejer tagħhom Maurice Walsh minħabba li kien qed isofri minn uġiegħ fl-għaksa. Madankollu l-plejers tagħhom Raymond Cosby u Salvinu Schembri, minkejja li kienu magħżulin biex imorru jilagħbu mat-tim tal-Armata fil-Lvant Nofsani, laħqu lagħbu mal-Wanderers qabel siefru.

3. Għal Sliema Wanderers iddebutta l-ex plejer ta' Floriana Caesar Scerri li ħa post Charlie Mattocks wara li dan tal-aħħar ġie sospiż għal sena.

**21-11-1954:**
**Floriana FC – Hibernians FC 6-0 H.T 2-0**
**Skurjaw: L. Borg (F) 18' u 43', B. Camilleri (F) 65', Ż. Alamango (F) 74', Ċ. Xuereb (F) 82' u L. Borg (F) 86'.**
**Referi: Michael Sciberras**
**Linesmen: W. F West u V. S. Chambers**

*Floriana FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Leli Zammit, Pullu Mousu', Charlie 'In-Nossa' Brincat, Ġużi Bennetti, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb, Dr. Benny Camilleri, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Hibernians FC*: Salvu 'Il-Pompa' Cassar, Colin Tabone, Grech, Sunny Anastasi, Victor Formosa, Fenech, Joe 'Puskas' Muscat, Fredu Church, Henry Vella, John Coreschi, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Fit-53 minuta Lolly Borg laqat il-lasta minn penalty.

2. Floriana FC kienu mingħajr il-gowlkeeper regolari Ġużi Alamango, Karmenu Xerri, l-aħwa Tony u Lolly Vella, u Tony Cauchi li kollha kienu fuq tour fl-Eġittu mat-tim tal-Armata. Minkejja li l-Armata ma telqitx f'dik l-għodwa tal-istess ġurnata kif kien ippjanat il-kumitat ta' Floriana xorta waħda lagħab bil-plejers riservi fejn fost l-oħrajn iddebutta ż-żagħżugħ Żarenu Alamango li ħalla mpressjoni tajba. Żarenu jiġi kuġin tal-gowlkeeper Furjaniż Ġużi Alamango u ħu l-gowlkeeper ta' Marsa Salvu Alamango.

3. Minkejja li Hibernians ma kellhom l-ebda plejer magħżul mal-Armata huma xorta kellhom bosta plejers riservi fit-teim meta kellhom jgħaddu mingħajr is-sospiżi Joe Ciantar u Leli Attard filwaqt li Grixti kien nieqes minħabba li żżewweġ dak in-nhar fil-għodu. Fil-fatt Grech u Fenech kienu qed jiddebuttaw fejn għalihom din kienet l-unika partita tagħhom ma' Hibernians.

**27-11-1954:**
**Ħamrun Sp. FC – Rabat FC 1-0 H.T 0-0**
**Skorja: o.g A. Micallef (Ħ) 52'.**
**Referi: Leli Spiteri.**
**Linesmen: J. G. Pearce u Salvu Pirotta**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Frans Damato, Magrin, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Franġisku Formosa, Victor Grima, Joe 'Ir-Rumba' Dimech, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Romeo Psaila.

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Charlie 'Il-Kis' Zahra, Alfie Pearson, George Dalli, Joe 'Parsottu' Cilia, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Paddy Sloan, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Charlie Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. Ħamrun lagħbu lil Ġużi Dimech u lil Frans Damato mit-tieni tim tagħhom li jieħu sehem fil-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni u lil Magrin mit-tim tagħhom tat-Tielet Diviżjoni sabiex jimlew il-vojt li ħallew id-difensuri Salvu Azzopardi u Johnnie Borg u l-attakkant Gejtu Psaila li kollha kienu jinsabu msifrin mat-tim tal-Armata fil-Lvant Nofsani.

2. Għalkemm il-Football Yearbook tal-1955 u t-Times of Malta iniżżlu l-awtogowl bħala kkaġunat minn Alfie Pearson, il-ġurnal il-Berqa u Leħen is-Sewwa jagħtu deskrizzjoni eżatta tal-azzjoni li wasslet għall-awtogowl meta rraportaw li x-xutt ta' Mikiel Camilleri ġie salvat minn fuq il-linja minn Pearson bil-ballun jaħbat ma dahar il-gowlkiper Micallef u jispiċċa fix-xibka.

3. L-Ispartans għamlu għaxar minuti fl-ewwel taqsima jilagħbu b'għaxar plejers meta l-plejer Ġużi Dimech weġġa' u kellu joħroġ jiddewwa.

**28-11-1954:**
**Valletta FC – Birkirkara FC 2-0 H.T 0-0**
**Skorja: P. Zammit (V) 72' u 82'.**
**Referi: Carmel L. Bugeja**
**Linesmen: Michael Sciberras u C. D. Lusted**

*Valletta FC*: Mike 'Moro' Cutajar, Ken Everest, Edwin 'Dwinu' Schembri, Ċensu Muscat, Leli Borg Bonaci, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Żeppi Micallef, Josie Urpani, Pawlu 'Il-Puxu' Zammit, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Joe Agius, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Il-Likku' Saliba, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Victor Farrugia, Albert Schranz, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. Iż-żagħżugħ Josie Urpani kien qed jiddebutta ma' Valletta. Huwa ħa post Leli Pace li kien jinsab imsiefer mat-tim tal-Armata.

2. Il-Football Yearbook attribwixxa t-tieni gowl Belti bħala awtogowl ta' Leli Borg 'Id-Diju'. Fil-fatt ix-xutt ta' Zammit spiċċa fix-xibka wara devjazzjoni mad-difensur Karkariż.

**Klassifika:** Floriana FC u Sliema Wdrs. FC 8 pti.; Ħamrun Spartans FC u Valletta FC 5 pti.; Birkirkara FC u Hibernians FC 2 pti.; Rabat FC u St.George's FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers:** S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 6 gowls; G. Psaila (Ħamrun Sp. FC) 5 gowls; T. Cauchi u L. Borg (Floriana FC); J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) u P. Zammit (Valletta FC) 4 gowls.